V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.10886 – INEOS / SINOPEC / SHANGHAI SECCO PETROCHEMICAL)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 388/07)

1. Fit-30 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— INEOS AG ("INEOS", l-Iżvizzera),

— China Petroleum and Chemical Corporation ("SINOPEC", iċ-Ċina), intrapriża tal-Istat,

— Shanghai SECCO Petrochemical Co., Ltd ("Shanghai SECCO Petrochemical", iċ-Ċina), ikkontrollata minn SINOPEC.

INEOS u SINOPEC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Shanghai SECCO Petrochemical.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— INEOS huwa konglomerat ta' proprjetà privata li jipproduċi firxa ta' sustanzi kimiċi inklużi petrokimiċi, kimiċi ta' speċjalità u prodotti taż-żejt,

— SINOPEC huwa grupp petroliferu u petrokimiku bil-kwartieri ġenerali f'Beijing,

— Shanghai SECCO Petrochemical huwa produttur tal-propilen, tal-polipropilen, tal-akrilonitril, tal-etilen, tal-polietilen, tal-istiren, tal-polistiren, tal-butadjen u tat-toluwen.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10886 – INEOS / SINOPEC / SHANGHAI SECCO PETROCHEMICAL

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË